**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 1 ta' Frar, 2016

Il- Pulizija
(Spettur Saviour Baldacchino)

-vs-

Theresa Cutajar

Kaz Nru.244/13

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Theresa Cutajar detentrici ta' Karta tal-Identita` numru 313354(M) talli:

> Nhar id-9 t' Ottubru 2012, ghall-habta tas-seba nieqsin kwart ta' filghodu (06.45 hrs), f'dawn il-Gzejjer u cioe' fi Triq D'Argens, gewwa l-Gzira, waqt li kienet qed issuq vettura ta' l-ghamla Mazda bin-numru ta' registrazzjoni CBN 803, bi traskuragini, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew bi nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkagunat il-mewt ta' Anthony Mangion.

Il-Qorti intalbet li f'kaz ta' sejbien ta' htija, Theresa Cutajar tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal-perjodu ta' zmien li din il-Qorti jidrilha xieraq.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikolu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikoli 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputata ma kelliex oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident stradali li sehh hekk kif kien ghadu ser jisbah[1] fi' Triq D'Argens, Ta' Xbiex, nhar id-9 t'Ottubru 2012 meta l-imputata kienet fi triqitha twassal it-tifel biex jaqbad tal-linja. Hekk kif kienet qed issuq ragel, li wara irrizulta kien Anthony Mangion tad-69 sena, mwieled nhar il-15 ta' Lulju 1943, detentur tal-Karta ta' l-Identita` bin-numru 464843(M), safa mtajjar minnha. Kif wasslu l-Pulizija fuq il-post tal-incident sabu lil Mangion mal-art ezattament bejn il-bankina u quddiem il-vettura tal-imputata, tal-ghamla Mazda bin-numru ta' registrazzjoni CBN803. L-imputata li kienet ghada fuq il-post stqarret li kif kienet issuq fid-direzzjoni tal-Msida, ragel qabad u qasam it-triq minghajr ma hares jekk kienux gejjin vetturi bil-konsegwenza li safa mtajjar minnha. Il-pulizija setghet tinnota li t-triq kienet imxarrba bin-nida u wara l-vettura kien hemm *brake marks* ta' 5 metri u l-vettura garbet hsarat fuq quddiem kollu. Ix-xhud okulari Antonella Rogers, mitkellma fuq il-post tal-incident, stqarret mal-Pulizija li l-Mazda kienet ghaddejja b'velocita`normali u li l-persuna mtajjra kien qabad u qasab minnufih minghajr ma hares jekk kienux gejjin vetturi fid-direzzjoni tieghu.

Anthony Mangion kien ittiehed b'ambulanza l-Isptar fejn kien gie iccertifikat minn Dr Maria Grech MD (Reg. No.3388) li kien garrab feriti gravi izda ma kienx fil-periklu tal-mewt. Kien ghall-habta tal-12.45pm li PS 894 u PC376 marru l-Isptar u kellmu lil Anthony Mangion li stqarr li hu ma

[1] Fol.11

kienx jaf x'gara izda qalilhom li seta` qasam minghajr ma hares jekk kienux gejjin vetturi. Fis-16 t'Ottubru 2012, il-Pulizija giet infurmata li Anthony Mangion, kien miet fil-hamsa ta' filghodu (5am). L-awtopsja li saret fuq Anthony Mangion ikkonkludiet li Mangion kien miet kawza tad-diversi griehi li garrab fl-incident stradali.

Teresa Cutajar irrilaxxat stqarrija nhar it-3 ta' Novembru 2012 fejn qalet li hekk kif kienet fi triqitha, ssuq b'velocita` normali, twassal lil binha Ta' Xbiex biex jaqbad ix-xarabank tas-7am, fi Triq D'Argens il-Gzira ragel li kien miexi fuq il-bankina fuq in-naha tax-xellug fl-istess direzzjoni taghha lejn l-Msida, f'daqqa wahda qabad u qasam ghan-nofs tat-triq minghajr ma hares jekk kienux gejjin karrozzi. Qalet li ma kellhiex cans tnaqqas il-velocita` jew twaqqaf il-karrozza. Meta zammet il-*brake* kien ga qabez il-bankina u hi laqtitu bin-naha ta' quddiem fuq in-naha tal-passigier. Bid-daqqa hu tela' fuq il-bonnet u l-windscreen, li tkissru, u nizel fl-art bejn il-bankina u r-rota. Peress li kienet qed ssoffri minn *shock* ittiehdet l-Isptar f'ambulanza wahda mal-istess persuna. Hekk kif kienu fl-ambulanza saqsietu ghaliex qassmilha hekk u hu wiegeb li ma kienx jaf x'ghamel u li kien mixful. Tghid li regghet saqsietu anke meta kienu l-Isptar u dan qal l-istess. Ma kienx jidher li kien tant hazin li ser imut. Kien taha il-mobile number ta' martu u hi kienet anke cemplet biex tara kif kien ghadda izda wara tilfet il-mobile u saret taf li miet dakinhar tal-istqarrija. Izzid li kien dawl bizzejjed biex setghet tarah miexi.

Dr Sarah Mallia tixhed li Mangion kien qed ibati minn ksur estensiv kif ukoll emoragija f'rasu w fl-intern. Kien anke zvilluppa problem f'qalbu. Tghid li kien dizorjentat u minkejja diversi tentattivi biex tigi salvata hajtu, huwa miet fis-16 t'Ottubru 2012 fil-5am.

Antonella Rogers tghid li fil-jum tal-incident ghal xi seba nieqsin kwart hi u sejra ghax-xoghol, rat persuna taqsam u tigi milquta minn vettura. Tghid li l-vettura kienet qed tinstaq *"Zgur mhux b'velocita` qawwija"*.[2] Izzid *"Le zgur li kieku ma laqtitux hi kont nolqtu jien zgur. Ghax kien jidher li qabad u qasam, u dak il-hin kien qisu ghadu mhux dawl, dawl, it-triq ma kinitx traffikuza lanqas jigifieri....li kieku ma laqtitux hi kont nolqtu jien fis-sens li kien jibqa jaqsam"*.[3] Huwa ferm importanti li x-xhud tghid li l-vittma hares dritt meta gie biex jaqsam u ma kienx hares il-fuq u l-isfel qabel ma qasam *"...bdejt nghid speci ta stajt nolqtu jien wkoll tant kemm qasam bi traskuragni."*[4]

---

[2] Fol.66
[3] Fol.67
[4] Fol.70

PS 894 jixhed li meta wasal fuq il-post il-vittma kien f'sensih. Meta mar ikellmu l-Isptar *"qalli li dik il-gurnata kien naqra nkwetat qalli u x'aktarx qsamt bl-adocc lanqas tajt kaz. Il-verzjoni li tani.*"[5] Jixhed li kien tkellem max-xhud okulari Antonella Rogers li *"Dakinhar qaltli li qabad u qasam bl-addocc, qaltli li min kien qed issuq m'ghandux tort. Fhimt….qasmilha f'daqqa, ma tahiex cans."*[6] PC376 Andrew Grech jikkonferma li l-vittma kien stqarr maghhom *"Iva qal li kellu xi hsibijiet f'mohhu u qasam bl-addocc."*[7]

Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti tinsab konvinta li ma kien hemm ebda traskuragini, jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew xi nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li wasslu sabiex tigi kkagunata l-mewt tragika ta' Anthony Mangion.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u qeda tilliberaha minnha.

**Dr Donatella Frendo Dimech**

**Magistrat**

---

[5] Fol.75
[6] Fol.76
[7] Fol.82